*rin ta' l-Imdina* u qaleb il-versi ta' Camoens li ġibna hawnhekk. Fis-snin ta' wara l-aħħar gwerra rajna l-ġbir ta' ħafna poeżiji u antoloġiji bil-Malti. Tistax forsi xi waħda mill-għaqdiet tal-Malti tieħu f'idejha l-ġbir tal-poeżiji ta' Dwardu Cachia—mill-ġurnali u pubblikazzjonijiet oħra—biex sa sitt snin oħra jkun kollox lest u tkun tista' toħroġ ktieb sħiħ tax-xogħol tiegħu? Dan ikun l-aqwa rikonoxximent li l-kittieba tal-lum jistgħu juru lejn il-ħidma ta' bniedem li għax u tħabat u kiteb fi żmenijiet imwiegħra meta l-Malti kien għadu xort'oħra milli hu l-lum.

*Londra, l-aħħar tas-sena 1950.*

---

# L-Alfabet tal-"Għaqda"

Wara 28 sena u fuqhom li ilu li nħoloq, dlonk tisma' min igħid li l-Alfabet tal-*Għaqda* mhux xjentifiku biżżejjed. Ma naħsebx l-ewwelnett li l-*Għaqda* qatt ħolmot li tagħmel alfabet xjentifiku għax kienet toħroġ barra mill-iskopijiet prattiċi ta' kitba Maltija skond ma jitolbu s-sistemi skolastiċi u letterarji **għall-progress ta' l-ilsien Malti. U naħsbu** li l-ebda alfabet ta' kitba letterarja, u, fl-istess ħin popolari, f'ilsna oħra, l-alfabet ma ssibu hekk ta' reqqa xjentifika skond ma titlob il-filoloġija.

L-Alfabet tal-*Għaqda* la hu għalkollox *fonetiku* u lanqas il-kitba jew traskrizzjoni tal-Malti li bih tinkiteb ma hija għalkollox *etimoloġika*, u, għalhekk ma jistax ikun għalkollox xjentifiku—u r-raġuni hija hekk ċara li m'hemmx għalfejn wieħed ifissirha. Din l-anomalija, biex ingħid hekk, issibha ta' bilfors fl-ilsna kollha, ukoll fil-Għarbi volgari u l-Malti ma għandux jibqa' fil-kitba tiegħu bħala eċċezzjoni, jekk irridu l-progress prattiku ta' lsienna. Meta f'pajjiżi oħra riedu jwaqqfu studju filoloġiku ta' lsienhom, huma dlonk sawru alfabet fonetiku apposta li jkun jista' jaqdihom għall-istudji tagħhom, **u dana użawh biss għall-iskop ta' studju, biex ingħid hekk, bħala strument xjentifiku fil-laboratorju** lingwistiku tagħhom, imma qatt ma ħolmu li jdaħħluh fil-kitba popolari u lanqas letterarja tagħhom, għax kienu joqtlu l-letteratura tagħhom.

Għal din id-darba ngħalqu biss b'dawn il-kelmiet ta' Funk & Wagnalls (New Standard Dictionary of the English Language, 1929): "The ideal of a scientific alphabet is easy to formulate but hard to apply; nor its complete realization practically of great importance...... Such an alphabet, while useful in phonetic science, would be worse than useless in a popular alphabet and even in literature".



## IMĦABBA TAĦT SIĠRA

*Ta'* VINCENT CARUANA

Ilmaħthom ftit mill-bogħod taħt siġra xiħa
Li firxet fuqhom friegħi kbar mimlija
Bil-weraq waħda f'waħda, u qalb mistrieħa
Inxteħtu f'dik id-dehra ta' sbuħija.

Il-fjur f'riġlejhom ħareġ minnu fwieħa
Li mliet 'il qalbhom bl-hena taż-żgħożija,
U l-friegħi li għattew lix-xemx sabiħa
Intisġu fuq ħwejjiġhom f'dell u dija.

Imbagħad għajnejh malajr lil tagħha sabu;
Imħabbtu kollha kien f'għajnejh ġabarha
U jħarsu f'tagħha mħabba ġdida ġabu.

Dan hu x'rajt jien li taħt is-siġra ġara
Xħin żewġt iqlub fil-ħolm ta' mħabba dabu.
......Ma nafx fi triq l-imħabba x'sabu wara!

---

## MORNA GĦALL-BEBBUX

*Ta'* ĠUŻI ABELA

*Lil Ħabibi Naz. Bezzina li kien miegħi.*

Żaren, il-bieraħ, xħin it-tnejn ferħana
Konna għall-bebbux ġo Ħondoq ir-Rummien,

Int ma rajtx bħali qed jimirħu magħna
Fuq il-għoljiet, max-xtajta, u fil-widien,

Żewġt itfal żgħar? Żgur li mid-dinja tagħna
Dawn ma kinux: għaliex għad li flimkien

— Huma u jfittxu l-bebbux — għannew ferħana,
Leħinhom ma nstamax jidwi fl-għerien.

Iżda ġol-vojt ta' qalbi smajt, minn ġewwa,
Tidwi bla tniena l-għanja tat-tfal żgħar;

Qaltli, Żaren, li — għalkemm jien bil-ħlewwa
Sibt u ġbart il-bebbux, ikel il-fqar —

Qalbi sfat wisq imkabbra: għalhekk kien sewwa
Li jiena b'ruħi mnikkta mmur id-dar.

Msida, 17-18. 9. 51.